



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0230/2009, imressqa minn Spiridon Andriopoulos ta' nazzjonalità Griega, dwar in-nuqqas tal-awtoritajiet Griegi li jagħtu konsiderazzjoni għad-Deċizzjoni 2007/365/KE rigward miżuri ta' emerġenza sabiex jipprevjenu d-dħul u t-tixrid fil-Komunità ta' *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier)

Petizzjoni 0614/2010, ippreżentata minn Gabriele Wesenauer, ta' nazzjonalità Awstrijaka, dwar miżuri urġenti għall-ġlieda kontra l-introduzzjoni u t-tixrid tal-bumunqar l-aħmar tal-palm (*Rhynchophorus ferrugineus*) fi Spanja

1. Sommarju tal-petizzjoni 0230/2009

Il-petizzjonant jilmenta dwar in-nuqqas tal-awtoritajiet Griegi li jagħtu konsiderazzjoni għad-Deċizzjoni 2007/365/KE rigward miżuri ta' emerġenza sabiex jipprevjenu d-dħul u t-tixrid fil-Komunità ta' *Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) u l-effetti katastrofiċi li jirriżultaw fuq is-siġar tal-palm għil-Greċja, speċjalment f'Ilia u Amaliada. Billi rappreżentanzi tal-petizzjonant mal-awtoritajiet kompetenti Griegi ma kellhomx suċċess, huwa qed jitlob lill-Parlament Ewropew biex jindirizza l-kwistjoni sabiex il-miżuri ta' protezzjoni Griegi jibdew jirrispettaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Sommarju tal-petizzjoni 0614/2010

Il-petizzjonanta tilmenta dwar in-nuqqas tal-awtoritajiet Spanjoli li jieħdu miżuri urġenti biex jiġġieldu kontra l-introduzzjoni u t-tixrid tal-bumunqar l-aħmar tal-palm (*Rhynchophorus ferrugineus*) fi Spanja, u l-effetti diżastrużi li rriżultaw fuq is-siġar tal-palm fi Spanja, speċjalment fil-belt ta' Orihuela fejn toqgħod hi. Hija tinnota wkoll li l-bumunqar l-aħmar tal-palm, li għandu l-karatteristika distintiva li jqatta' parti miċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu fil-weraq u

l-fergħat tas-siġar tal-palm, sar problema permanenti fis-snin riċenti fil-kosti Mediterranji ta' Spanja, fejn is-siġar tal-palm jiffurmaw parti mill-wirt naturali komuni u huma element ta' valur kbir għall-ekoloġija u l-ekonomija tar-reġjun. Ladarba t-talbiet għall-ghajjnuna tal-petizzjonant lill-awtoritajiet lokali rilevanti ma kinux ta' suċċess, huwa jitlob lill-Parlament Ewropew biex jintervieni sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri neċessarji għal ġlieda kontra din l-infestazzjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 26 Mejju 2009 u l-petizzjoni 0614/2010 ġiet iddikjata ammissibbli fis-7 ta' Ottubru 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni li waslet fis-7 ta' Lulju 2009.

Għal petizzjoni 0230/2009

Il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-petizzjonant li hija hi konxja tal-konsegwenzi tal-epidemiji ta' *Rhynchophorus ferrugineus* (red palm weevil) f'Ilia fil-Greċja, kif ukoll fi Stati Membri oħra tal-Komunità fejn jtkabbru s-siġar tal-palm.

L-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel tal-Kummissjoni Ewropea għamel spezzjoni f'Attika ta' Lvant fil-Greċja bejn is-26/01/2009 u s-06/02/2009 biex tevalwa fost affarijiet oħra s-sitwazzjoni rigward ir-*Rhynchophorus ferrugineus*.

Il-Kummissjoni diġà irċeviet u rreġistrat ilment mill-petizzjonant fuq l-istess kwistjoni.

Il-Kummissjoni se tagħmel evalwazzjoni sħiħa fattwali u legali tas-sitwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/20/KE u tad-Direttivi tal-Kummissjoni 2007/365/KE u 2008/776/KE fil-Greċja. Diġà nbagħtet ittra lill-E.T. s-Sur Vassilis Kaskarelis, Ambaxxatur tar-Rappreżentanza Permanenti tal-Greċja għall-UE li tenfasizza l-problema f'Ilia. Il-petizzjonant ġie infurmat dwar dan b'ittra li ġġib id-data tad-29 ta' Mejju 2009.

Il-Greċja ssottomettiet fil-15 ta' April 2009 r-rapport annwali ta' stħarriġ għall-2008 dwar ir-*Rhynchophorus ferrugineus* kif teżiġi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/365/KE fejn indikat li l-dan l-organiżmu ta' ħsara, minbarra li jinsab f'ċerti reġjuni ta' Ilia, jinsab ukoll f'Attika ta' Lvant u f'Heraklion.

Il-Kummissjoni hija inkwetata ħafna dwar dan l-ilment u bħalissa qiegħda tinvestiga jekk id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2007/365/KE humiex jiġu implimentati korretament fil-Greċja. Għal din ir-raġuni hija diġà talbet lill-awtoritajiet Griegi sabiex jispjegaw sal-aħħar ta' Ġunju għaliex ir-*Rhynchophorus ferrugineus* qiegħed ikompli jixtered mal-Greċja kollha u sabiex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ttieħdu biex jiġi eliminat dan l-organiżmu ta' ħsara.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra dawn iċ-ċirkustanzi li jinvolvu t-trażżin ta' aktar epidemiji bħala prijorità kbira u tipprevedi li tieħu aktar azzjonijiet sabiex ikun hemm implimentazzjoni stretta tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni

għandha l-intenzjoni li tagħmel bosta spezzjonijiet fl-Istati Membri fejn hemm ir-‘red palm weevil’, inkluż fil-Greċja. Il-petizzjonant jiġi infurmat dwar ir-risultat ta’ dawn l-investigazzjonijiet.

4. Risposta tal-Kummissjoni (RIV.) li waslet fil-25 ta’ Marzu 2010.

Għal petizzjoni 0230/2009

Bħala segwitu tal-komunikazzjoni tagħha ta’ Lulju 2009, il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-Parlament dwar l-iżviluppi li ġejjin:

Fil-31 ta’ Lulju 2009, l-awtoritajiet Griegi wiegħbu l-ittra tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Ġunju 2009 rigward il-problema f’Ilia. Sabiex tiġi vverifikata r-risposta Griega, u bħala riżultat tal-emails kontinwi li waslu mingħand il-petizzjonant, l-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel (FVO) għamel spezzjoni ta’ emerġenza bejn l-14 u s-17/07/2009 biex jevalwa l-kontrolli ta’ *Rhynchophorus ferrugineus* speċifikament fil-prefettura ta’ Ilia. Ir-rapport tal-ispezzjoni u r-rispons tal-Awtoritajiet Komponenti tal-Greċja għar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/fvo/rep_details_en.cfm?rep_id=2336.¹

Fid-dawl tar-risultati tal-ispezzjoni tal-FVO f’Ilia, il-Kummissjoni bagħtet ittra oħra lill-awtoritajiet Griegi biex thegħgeġ lill-Greċja tiegħu l-azzjonijiet korrettivi neċessarji għall-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni rċiviet risposta fl-24 ta’ Settembru 2009.

Wara (i) ir-risultat tal-ispezzjonijiet tal-FVO fil-Greċja, u (ii) l-informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet Griegi, il-Kummissjoni kompliet b’evalwazzjoni fattwali u legali tas-sitwazzjoni fil-Greċja fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/365/KE kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/776/KE. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tnedi proċeduri ta’ ksur kontra l-Greċja billi hija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva u d-Deċiżjoni msemmijin hawn fuq.

Barra dan, il-Kummissjoni tixtieq li l-Parlament jiġi infurmat li, fil-qafas tar-reviżjoni attwali dwar l-għarfien xjentifiku reċenti dwar ir-*Rhynchophorus ferrugineus*, il-Kummissjoni hija fil-proċess li tiġbor u tanalizza informazzjoni dwar l-istrateġiji ta’ kontroll u ta’ informazzjoni tal-Greċja u tal-Istati Membri l-oħra. Il-Kummissjoni reċentement organizzat laqgħa mal-esperti tekniċi mill-Istati Membri kollha (inkluża l-Greċja) affettwati mill-organiżmu ta’ ħsara, biex jiġu żviluppati l-aqwa prattiki għall-kontroll tiegħu u biex tiġi kkunsidrata reviżjoni tal-leġislazzjoni applikabbli. Il-Kummissjoni għandha l-għan li torganizza, flimkien mal-Presidenza Spanjola, konferenza dwar ir-*Rhynchophorus ferrugineus* f’ April/Mejju 2010, fejn għandha tiġi ppreżentata strateġija ta’ kontroll armonizzata dwar kif għandhom jiġu trattati ż-żoni infestati.

5. Risposta tal-Kummissjoni (RIV. II) li waslet fl-24 ta’ Ġunju 2010.

¹ Ir-rapport tal-inspezzjoni preċedenti fil-Greċja (26/01-06/02/2009) imsemmija fil-kummenti preċedenti tagħna dwar il-petizzjoni huwa disponibbli wkoll fuq http://ec.europa.eu/food/fvo/rep_details_en.cfm?rep_id=2320.

Għal petizzjoni 0230/2009

Bħala segwitu tal-komunikazzjonijiet preċedenti ta' Lulju 2009 u Marzu 2010, il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-Parlament dwar l-iżviluppi li ġejjin:

Wara evalwazzjoni fattwali u legali tas-sitwazzjoni fil-Greċja fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/365/KE kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/776/KE, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti ta' vjolazzjoni billi bagħtet ittra ta' notifika formali skont l-Artikolu 258 tat-Trattat ta' Greċja fit-18 ta' Marzu 2010. Il-kwerelant ġie infurmat dwar dan b'ittra li ġgħib id-data tat-30 ta' Marzu 2009. L-awtoritajiet Griegi huma mistennija jagħtu risposta sal-aħħar ta' Ġunju 2010.

6. Risposta tal-Kummissjoni (RIV. III) li waslet fis-27 ta' Jannar 2012.

Għall-petizzjonijiet 230/2009 u 614/2010

Minn meta ħarġet il-komunikazzjoni preċedenti tagħha s'issa, il-Kummissjoni vvalutat it-tweġiba tal-awtoritajiet Griegi għal ittra ta' notifika formali u wettqet ukoll missjoni tal-FVO addizzjonali fil-Greċja bejn it-2 u l-10 ta' Frar 2010. Sa minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni kienet qed tissorvelja s-sitwazzjoni tar-*Rhynchophorus ferrugineus* fil-Greċja, permezz ta' laqgħat ta' kull tliet xhur mal-awtoritajiet Griegi f'kuntest usa' u fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet, li waħda minnhom hi r-*Rhynchophorus ferrugineus*. *Fil-kuntest ta' dawn il-laqgħat, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw, f'Lulju 2011, Pjan ta' Azzjoni għal miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-organiżmu ta' ħsara konċernat. Abbażi tal-qafas ta' żmien mogħti, l-awtoritajiet Griegi debitament adottaw, f'Settembru 2011, linji gwida dettaljati u Pjanijiet ta' Azzjoni ġeneralizzati biex jiġi miġġieled ir-*Rhynchophorus ferrugineus* skont id-distribuzzjoni tal-organiżmu. Dawn ġew valutati mill-Kummissjoni u jidhru li huma sodisfaċenti Il-Kummissjoni qed tistenna wkoll li tirċievi l-Pjanijiet ta' Azzjoni speċjalizzati għal reġjuni speċifiċi, li bħalissa għadhom qegħdin jiġu mħejjija. Kif wieħed jista' jara, il-Kummissjoni qed iżżomm kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet Griegi u se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni.*

F'kuntest usa', il-Kummissjoni tixtieq ukoll tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li l-organiżmu dannuż konċernat hu pjuttost mifruq fl-Istati Membri tan-Nofsinhar u li l-bijoloġija tiegħu hi tali li l-eridikazzjoni u/jew kontroll tiegħu mhux dejjem hija faċli.

Madankollu, minn meta ġiet emendata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Awwissu 2010, ir-rekwiżit legali li jiġu ppreżentati Pjanijiet ta' Azzjoni li jippermettu lill-Kummissjoni li tistabbilixxi aħjar relazzjoni kooperattiva mal-Istati Membri u li jkollha vista ġenerali aħjar tas-sitwazzjoni.

Konklużjoni

Fid-dawl ta' dan li semmejna hawn fuq, il-Kummissjoni hi tal-fehma li kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati minn dan l-organiżmu dannuż isservi ta' mezz aħjar biex tkun żgurata l-konformità. Għaldaqstant, intbagħtet ittra ta' qabel l-għeluq lill-petizzjonant fil-kuntest tal-ksur tal-9/12/2011. Jekk il-petizzjonant ma joġġezzjonax, jew ma jippreżentax

evidenza ġdida li turi mod ieħor, il-Kummissjoni se tikkunsidra li tagħhlaq il-każ. Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja lill-Greċja mill-qrib u jekk ikun meħtieġ, terġa' tiftaħ il-każ.

7. Risposta tal-Kummissjoni (RIV. IV) li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.

Għal petizzjoni 614/2010

Id-Deċiżjoni 2007/365/KE tal-Kummissjoni rigward miżuri ta' emerġenza sabiex jipprevjenu d-dħul u t-tixrid fil-Komunità ta' *Rhynchophorus ferrugineus*, (Olivier)¹ tistipula regoli mmirati biex jiġi miġġieled dan l-organiżmu ta' ħsara. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni jitlob lill-Istati Membri jwettqu sħarriġ annwali għall-preżenza tal-organiżmu jew l-evidenza ta' impestazzjoni minn dan l-organiżmu fuq pjanti *Palmae*. Ir-riżultati tal-istħarriġ għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra sat-28 ta' Frar kull sena. Skont l-Artikolu 6, meta l-preżenza reali jew suspettata tal-organiżmu tiġi kkonfermata, l-Istat Membru għandu jiddefinixxi żoni demarkati skont l-ewwel punt tal-Anness II, sakemm ma jkunx hemm raġuni valida għal devjazzjoni minn dan l-obbligu skont l-Artikolu 6.4. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplementaw pjan ta' azzjoni skont punt 2 tal-Anness II. Il-pjan ta' azzjoni jrid jinkludi, u għaldaqstant l-Istat Membru għandu jieħu, il-miżuri uffċjali stabbiliti fit-tieni punt tal-Anness għad-Deċiżjoni. Iż-żoni demarkati u l-pjanijiet ta' azzjoni għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni skont paragrafu 2 tal-Artikolu 6.

Il-miżuri uffċjali li għandhom jittieħdu f'żoni demarkati kif jirrikjedi l-Artikolu 6(1)(b), għandhom jinkludu miżuri xierqa maħsuba li jeqirdu l-organiżmu speċifikat. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, li l-pjanta impestata tiġi meqruda jew sanitizzata kompletament b'mod mekkaniku, miżuri biex ikun evitat li l-organiżmu jinfirex waqt dawn l-azzjonijiet billi jsiru trattamenti kimiċi fil-viċinanzi immedjati, trattament xieraq tal-pjanti impestati, nases tal-feromoni, u miżuri oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-eradikazzjoni tal-organiżmu speċifikat, u monitoraġġ intensiv. Fejn, għal aktar minn 3 snin, l-istħarriġ juri li l-eradikazzjoni tal-organiżmu ta' ħsara ma tkunx possibbli, il-miżuri inklużi fil-pjan ta' azzjoni għandhom jimmiraw li jżommu l-organiżmu ta' ħsara fiż-żona impestata filwaqt li jqisu l-eradikazzjoni bħala objettiv fit-tul. Skont paragrafu 3 tal-Artikolu 6, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri tekniċi għandhom jitwettqu minn uffċjali pubbliċi kwalifikati u debitament awtorizzati jew aġenti kwalifikati, jew għall-inqa bis-superviżjoni ta' korpi uffċjali responsabbli.

L-Uffċċju Veterinarju u tal-Ikel tal-Kummissjoni qed jirċievi l-pjanijiet ta' azzjoni minn Spanja, skont il-leġiżlazzjoni msemmija aktar 'il fuq. Għaldaqstant is-sitwazzjoni qed tiġi monitorjata. Is-servizzi tal-Kummissjoni jinsabu fil-proċess li jindirizzaw ittra lil Spanja biex ifakkru lil dan l-Istat Membru biex jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa biex dan l-organiżmu ta' ħsara jiġi miġġieled u anke biex jitolbu aġġornament tal-miżuri meħuda fiż-żona partikolari. Jeħtieġ ikun enfasizzat, madankollu, li l-organiżmu ta' ħsara hu pjuttost mifrux fl-Istati Membri tan-Nofsinhar, u li l-bijoloġija tiegħu hi tali li l-eradikazzjoni u/jew kontroll mhux faċli. Madankollu, il-Kummissjoni qed tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni permezz tal-

¹ ĠU L 139, 31.5.2007, p. 24, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/467/UE tas-17 ta' Awwissu 2010, ĠU L 226, 28.8.2010, p. 42.

pjanijiet ta' azzjoni.

Rigward l-użu ta' Fosmet, il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li din is-sustanza hi sustanza attiva approvata mill-UE u ġiet awtorizzata għall-użu fuq pjanti ornamentali (pereżempju s-siġar tal-palm) fi Spanja.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni se tibqa' tissorvelja, fi Spanja u Stati Membri oħra, il-miżuri meħuda kontra dan l-organiżmu ta' ħsara permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni. Il-Kummissjoni hi tal-fehma li kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati minn dan l-organiżmu ta' ħsara hi mezz tajjeb għall-iżgurar tal-konformità.